REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 112/2013

tas-7 ta' Frar 2013

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet tal-għixien (UE-SILC) fir-rigward tal-lista tal-2014 tal-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira dwar it-tiċħid materjali

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 li jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet tal-għixien (UE-SILC) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2)(f) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 stabbilixxa qafas komuni għall-produzzjoni sistematika tal-istatistika Ewropea dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien, li jinkorpora dejta komparabbli u aġġornata, kemm trasversali u longitudinali, dwar l-introjtu u dwar il-livell u l-kompożizzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fil-livelli nazzjonali u dawk Ewropej.

(2) Skont l-Artikolu 15(2)(f) tar-Regolament (KE) Nru 1177/2003, jeħtieġ li jiġu implimentati l-miżuri fir-rigward tal-lista tas-setturi u tal-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira li trid tiġi inkluża kull sena fil-komponent trasversali tal-UE-SILC. Il-lista tal-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira li trid tiġi inkorporata fil-modulu dwar it-tiċħid materjali, għandha tiġi stabbilita għas-sena 2014, flimkien mal-identifikaturi tal-varjabbli korrispondenti.

(3) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Statistika Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-lista ta' fatturi varjabbli sekondarji fil-mira u l-identifikaturi tal-varjabbli għall-modulu tal-2014 dwar it-tiċħid materjali li trid tiġi inkluża fil-komponent trasversali tal-istatistika Ewropea dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien (UE-SILC), għandha tkun kif stabbilita fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Frar 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 165, 3.7.2003, p. 1.

ANNESS

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw l-unitajiet, il-metodu tal-ġbir tad-dejta u l-perjodu ta' referenza li ġejjin:

1. **L-Unitajiet**

Il-fatturi varjabbli fil-mira għandhom x'jaqsmu ma' tipi differenti ta' unitajiet:

Il-fatturi varjabbli relatati mal-istress finanzjarju japplikaw fil-livell tal-unità domestika u jirreferu għall-unità domestika kollha kemm hi.

L-informazzjoni dwar il-ħtiġijiet bażiċi, l-attivitajiet soċjali u ta' divertiment, l-oġġetti dewwiema u l-mobilità fil-kategorija "oġġetti tal-adulti" għandha tiġi pprovduta għal kull membru attwali li jgħix fl-unità domestika, jew, jekk applikabbli, għal dawk kollha magħżula li jwieġbu u li għandhom 16-il sena u aktar.

L-oġġetti tat-tfal huma kollha relatati mal-membri kollha tal-unità domestika fid-dar li għandhom bejn sena u 15-il sena ħlief iż-żewġ fatturi varjabbli dwar il-ħtiġijiet edukattivi li jikkonċernaw biss lit-tfal li jattendu l-iskola. Il-mistoqsijiet iridu jitwieġbu mill-membru tal-unità domestika li jwieġeb għall-grupp kollu tat-tfal. Jekk mill-inqas wild wieħed ma jkollux l-oġġett ikkonċernat, il-grupp kollu tat-tfal fl-unità domestika jitqies li ma għandux dak l-oġġett.

L-età tirreferi għall-età fi tmiem il-perjodu ta' referenza għall-introjtu.

2. **Il-metodu tal-ġbir tad-dejta**

Għall-fatturi varjabbli li japplikaw fil-livell tal-unità domestika, il-metodu tal-ġbir tad-dejta huwa intervista personali mal-membru tal-unità domestika li jwieġeb.

Għall-fatturi varjabbli li japplikaw fil-livell individwali, il-metodu tal-ġbir tad-dejta huwa intervista personali mal-membri attwali tal-unità domestika li għandhom 16-il sena u aktar jew, jekk applikabbli, ma' kull persuna magħżula biex twieġeb.

Għall-fatturi varjabbli tat-tfal il-metodu tal-ġbir tad-dejta huwa intervista personali mal-membru tal-unità domestika li jwieġeb.

Fid-dawl tat-tip ta' informazzjoni li trid tinġabar, huma permessi intervisti personali biss (intervisti bi prokura bħala eċċezzjoni għall-persuni li jkunu temporanjament assenti jew inabilitati).

3. **Il-perjodu ta' referenza**

Il-perjodu ta' referenza għall-fatturi varjabbli kollha fil-mira huwa s-sitwazzjoni attwali.

4. **It-trażmissjoni tad-dejta**

Il-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat) fil-Fajl tad-Dejta dwar l-Unità Domestika (il-fajl H) u fil-Fajl tad-Dejta Personali (il-fajl P) wara l-fatturi varjabbli primarji fil-mira.

MODULU DWAR IT-TIĊĦID MATERJALI GĦALL-2014 OQSMA U LISTA TA' FATTURI VARJABBLI FIL-MIRA

Identifikatur tal-varjabbli	Valuri	Fattur varjabbli fil-mira
Oġġetti tal-unità domestika li japplikaw fil-livell tal-unità domestika		
Stress finanzjarju		
HD080		**Bdil ta' għamara mkagħbra** (*)
	1	Iva
	2	Le - ma tistax taffordjaha
	3	Le - raġuni oħra
HD080_F	*1*	Mimlija
	– 1	Nieqsa
Oġġetti personali li japplikaw fil-livell personali (Persuni li għandhom aktar minn 16-il sena)		
Ħtiġijiet bażiċi		
PD020		**Bdil ta' ħwejjeġ imkagħbra ma' ħwejjeġ ġodda (mhux użati)** (*)
	1	Iva

Identifikatur tal-varjabbli	Valuri	Fattur varjabbli fil-mira
	2	Le - ma jistgħux jaffordjawha
	3	Le - raġuni oħra
PD020_F	*1*	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 3	Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb
PD030		**Żewġ pari żraben ta' daqs tajjeb (inkluż par żarbun għall-istaġuni kollha)** (*)
	1	Iva
	2	Le - ma jistgħux jaffordjawha
	3	Le - raġuni oħra
PD030_F	*1*	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 3	Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb
Attivitajiet soċjali u ta' divertiment		
PD050		**Laqgħa mal-ħbieb/familja (qraba) għal xarba/ikla mill-inqas darba f'xahar** (*)
	1	Iva
	2	Le - ma jistgħux jaffordjawha
	3	Le - raġuni oħra
PD050_F	*1*	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 3	Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb
PD060		**Sehem regolari f'attività ta' divertiment** (*)
	1	Iva
	2	Le - ma jistgħux jaffordjawha
	3	Le - raġuni oħra
PD060_F	*1*	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 3	Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb
PD070		**Infiq ta' ammont żgħir ta' flus kull ġimgħa għalik innifsek** (*)
	1	Iva
	2	Le - ma jistgħux jaffordjawha
	3	Le - raġuni oħra
PD070_F	*1*	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 3	Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb
Oġġetti dewwiema		
PD080		**Konnessjoni mal-Internet għall-użu personali fid-dar** (*)
	1	Iva
	2	Le - ma jistgħux jaffordjawha
	3	Le - raġuni oħra

Identifikatur tal-varjabbli	Valuri	Fattur varjabbli fil-mira
PD080_F	*1*	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 3	Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb
Mobilità		
PD090		**Użu regolari tat-trasport pubbliku**
	1	Iva
	2	Le - il-biljett għali wisq
	3	Le - it-trasport pubbliku qiegħed 'il bogħod wisq
	4	Le – l-aċċess huwa diffiċli wisq
	5	Le - it-trasport privat
	6	Le - raġuni oħra
PD090_F	*1*	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 3	Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb
Oġġetti tat-tfal li japplikaw fil-livell tal-unità domestika		
Ħtiġijiet bażiċi		
HD100		**Xi ħwejjeġ ġodda (mhux ħwejjeġ użati)**
	1	Iva
	2	Le - ma tistax taffordjaha
	3	Le - raġuni oħra
HD100_F	*1*	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (l-ebda wild bejn ta' bejn sena u 15-il sena)
HD110		**Żewġ pari żraben ta' daqs tajjeb (inkluż par żarbun għall-istaġuni kollha)**
	1	Iva
	2	Le - ma tistax taffordjaha
	3	Le - raġuni oħra
HD110_F	*1*	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (l-ebda wild bejn ta' bejn sena u 15-il sena)
HD120		**Frott u ħxejjex darba kuljum**
	1	Iva
	2	Le - ma tistax taffordjaha
	3	Le - raġuni oħra
HD120_F	*1*	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (l-ebda wild bejn ta' bejn sena u 15-il sena)

Identifikatur tal-varjabbli	Valuri	Fattur varjabbli fil-mira
HD140		**Ikla waħda bil-laħam, tiġieġ jew ħut (jew ekwivalent veġetarjan) għall-inqas darba kuljum**
	1	Iva
	2	Le - ma tistax taffordjaha
	3	Le - raġuni oħra
HD140_F	*1*	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (l-ebda wild bejn ta' bejn sena u 15-il sena)
Ħtiġijiet edukattivi jew ta'divertiment		
HD150		**Kotba d-dar adattati għall-età tagħhom**
	1	Iva
	2	Le - ma tistax taffordjaha
	3	Le - raġuni oħra
HD150_F	*1*	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (l-ebda wild bejn ta' bejn sena u 15-il sena)
HD160		**Tagħmir ta'divertiment għal barra**
	1	Iva
	2	Le - ma tistax taffordjaha
	3	Le - raġuni oħra
HD160_F	*1*	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (l-ebda wild bejn ta' bejn sena u 15-il sena)
HD170		**Logħob ta' ġewwa**
	1	Iva
	2	Le - ma tistax taffordjaha
	3	Le - raġuni oħra
HD170_F	*1*	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (l-ebda wild bejn ta' bejn sena u 15-il sena)
HD180		**Attività ta' divertiment regolari**
	1	Iva
	2	Le - ma tistax taffordjaha
	3	Le - raġuni oħra
HD180_F	*1*	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (l-ebda wild bejn ta' bejn sena u 15-il sena)

Identifikatur tal-varjabbli	Valuri	Fattur varjabbli fil-mira
HD190		**Ċelebrazzjonijiet f'okkażjonijiet speċjali**
	1	Iva
	2	Le - ma tistax taffordjaha
	3	Le - raġuni oħra
HD190_F	*1*	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (l-ebda wild bejn ta' bejn sena u 15-il sena)
HD200		**Tistieden minn żmien għal żmien lill-ħbieb biex tilgħab u tiekol magħhom**
	1	Iva
	2	Le - ma tistax taffordjaha
	3	Le - raġuni oħra
HD200_F	*1*	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (l-ebda wild bejn ta' bejn sena u 15-il sena)
HD210		**Tieħu sehem f'ħarġiet tal-iskola u f'avvenimenti skolastiċi li jiswew il-flus**
	1	Iva
	2	Le - ma tistax taffordjaha
	3	Le - raġuni oħra
HD210_F	*1*	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (l-ebda wild bejn ta' bejn sena u 15-il sena)
	– 4	Mhux applikabbli (l-ebda wild ma jattendi l-iskola)
HD220		**Post xieraq għall-istudju jew għax-xogħol skolastiku fid-dar**
	1	Iva
	2	Le
HD220_F	*1*	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (l-ebda wild bejn ta' bejn sena u 15-il sena)
	– 4	Mhux applikabbli (l-ebda wild ma jattendi l-iskola)
HD240		**Tmur għal btala 'l bogħod mid-dar mill-inqas għal ġimgħa waħda fis-sena**
	1	Iva
	2	Le - ma tistax taffordjaha
	3	Le - raġuni oħra
HD240_F	*1*	Mimlija
	– 1	Nieqsa
	– 2	Mhux applikabbli (l-ebda wild bejn ta' bejn sena u 15-il sena)

(*) Flimkien mat-trażmissjoni obbligatorja għas-sena ta' referenza 2014, dan il-fattur varjabbli jista' jiġi kkompilat għas-sena ta' referenza 2013 fuq bażi volontarja.